RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

* **MINUTI tal-Laqgħa A 25** Data u ħin
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa' nhar**
**It-Tlieta 9 ta' Ottubru 2012 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 24**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 24 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekondat din il-proposta s-Sna Cecilia Bonello Il-minuti ġew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 24

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A 24**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

3.00 **Punti li joħorġu mill-Minuti A 24**

3.01 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li tkellmet dwar dan il-każ mal-*Foreman* tal-Enemalta fejn infurmaha li kien ser jieħu dan il-każ f'idejh personalment. Tneħħija ta' tliet arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett



KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.02 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-ispiża ammontat għal €6745.17. Għaldaqstant kien għad fadal bilanċ ta' €13254.83. Ġie deċiż li ssir talba lill-Bord tal-Iskemi fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex bil-kumplament tal-flus il-Kumitat Amministrattiv ikun jista' jagħmel proġett ieħor. Ġie deċiż li jekk hu possibbli titkompla l-bankina jew jitneħħew l-arbli tad-dawl minn Triq il-Buskett. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi qalet li jekk il-Bord jaċċetta t-talba tagħna, ix-xogħol ikun irid jitkompla minnufih. Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi

Is-Sur Lino Pace Bonello staqsa kemm ġie jiswa l-'cable' li qata' l-kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li l-perit għamlet 'contingency fee' u din l-ispiża tnaqqset minn dan l-ammont.

3.03 3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li d-Dipartiment tal-Agrikoltura weġibna lura li din iż-żona hija mwellija u ma taqax taħt ir-responsabbiltà tagħhom u għalhekk ma jistgħux jintervjenu f'dan il-każ. Żbir tas-siġar ta' taħt il-*belvedere*

Il-Profs. Griscti Soler issuggerixxa li jsir ilment lis-sanità peress li din hija problema sanitarja peress li l-ħmieġ li qed ikun hemm qed iġib ħafna ġrieden f'din l-akwata.

Il-kumitat iddeċieda li niktbu lis-sanità kif ukoll lid-Dipartiment tal-Artijiet.

3.04 3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li rċevejna l-istandards tal-i*speed management and road safety measures* minn Transport Malta dwar it-tipi differenti ta' *traffic calmers*. Aħna ġejna mitluba nindikawlhom x'tip ta' *traffic calmer* qed nissuġġerixxu li ssir. *Traffic Calmer* fi Triq C Fiamingo

Ġie deċiż li ċ-Ċerpersin Pace Bonello janalizza dan id-dokument sabiex jagħtina s-suġġerimenti tiegħu dwar x'tip ta' *traffic calmer* għandna nipproponu li jsir.

** Il-Profs. Griscti Soler ħareġ mil-laqgħa fis-7.25 p.m.

3.05 5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li t-tabella tal-i*stop* hija ordnata. *Stop Sign*

3.06 5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li t-tabelli tal-ħmieġ tal-klieb ser jiġu jiswew €38 kull tabella bil-*pole* u €22.95 kull tabella mingħajr *pole*. Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb

Iċ-Ċerpersin Pace Bonello flimkien mas-Sur Christopher Farrugia għandhom jindikaw f'liema toroq l-aħjar li jeħlu.

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-każ dwar xogħol illegali fi Triq Fra Ludovico Savoye għaddha f'idejn l-Ispettur tal-għassa tal-pulizija tar-Rabat.
Ġie rrimarkat li apparti x-xogħol illegali, hemm ħafna klieb perikolużi u firien.
Il-Kumitat iddeċieda li tintbagħat 'reminder' lill-pulizija peress li kollox għadu kif kien.

Xogħol illegali fi Triq Fra Ludovico Savoye

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Christopher Farrugia tkellem dwar il-kwistjoni tal-parkeġġ tal-Għalqa ta' Kola. Huwa ppropona li l-Kumitat Amministrattiv jappoġġja lill-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex dan il-parkeġġ jaqa' f'idejn il-Kunsill u ma jiġix ipprivatizzat. Il-Kumitat qabel.
Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Kunsill talab għad-devoluzzjoni tagħha sabiex ikun jista' jamministraha hu.

Privatizzazzjoni ~~Privitazzjoni~~ tal-Għalqa ta' Kola

5.02 Iċ-Ċerpersin Pace Bonello għamel emenda fuq l-artiklu li għandu jiġi ppubblikat fuq il-fuljett ir-Rabta tal-ħarġa li jmiss. L-artiklu ġie approvat kif emendat u għandu jintbagħat lill-Editur tar-Rabta.

Artiklu għall-ħarġa tar-Rabta li jmiss

**6.00 Aġġornament**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-13 ta' Novembru 2012 fis-6.30 p.m.

Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 pm

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**